**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Nru. 569/21 NC**

**Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar Numru 714/2021 AF fl-ismijiet:**

**L-Avukat Dottor Jotham Scerri Diacono (K.I. 17970M) bhala mandatarju speċjali tal-assenti:**

**(1) Andrew Page;**
**(2) Victoria Caroline Jones;**
**(3) Edward Readdie Page**

**vs.**

**L-Avukat Dottor David Tonna fil-kwalita' tieghu ta' *Resident Agent* f'isem u għan-nom tas-soċjeta' estera *Cruise Services Limited Company***

Illum 13 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors ta' Dottor David Tonna (K.I. 0659956M) fil-kwalita' ta' *Resident Agent* f'isem u għan-nom tas-soċjeta' estera

*Cruise Services Limited Company* għar-revoka tal-Mandat ta' Arrest *de quo*, liema Rikors ġie ppreżentat fil-11 ta' Ġunju 2021 (*a fol.* 1 *et seq.*) fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex:

*"(i) Tordna r-revoka fl-intier tiegħu tal-Mandat ta' Arrest Numru 714/2021AF u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(d);*

*(ii) Alternattivament tordna li fi żmien raġonevoli li din il-Qorti tista' tistabilixxi u sakemm il-Mandat ta' Arrest fuq ċitat jibqa' fis-seħħ kollu jew in parte, l-eżekutant nomine jipprovdi garanzija xierqa għall-ħlas ta' kwalunkwe spejjeż, penali, danni u imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 u tordna li fin-nuqqas ta' tali depożitu fiż-żmien stabbilit, il-Mandat ta' Arrest jiġi revokat".*

Rat id-Digriet tagħha tas-17 ta' Ġunju 2021 (*a fol.* 15) fejn il-Qorti appuntat r-Rikors għas-smigħ għas-seduta tas-6 ta' Lulju 2021 u fejn l-intimat ġie mogħti zmien ta' sebat (7) ijiem sabiex jippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li xtaq jagħmel.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Dottor Jotham Scerri Diacono (K.I. 17970(M)) fil-kwalita' tiegħu ta' mandatarju speċjali f'isem u għan-nom tal-assenti (1) Andrew Page, (2) Victoria Caroline Jones u (3) Edward Readdie Page, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-2 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 19 *et seq.*).

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 234) u rat in-Nota ppreżentata fl-istess seduta (*a fol.* 236) permezz ta' liema Nota ġie eżebiet kopja informali ta' Kontro-Mandat ippreżentat fil-5 ta' Lulju 2021 (Dok. "S6" – *a fol.* 237 *et seq.*).

Rat in-Nota tal-Avukat Dottor David Tonna fil-kwalita' tiegħu ta' *Resident Agent* f'isem u għan-nom tas-soċjeta' estera *Cruise Services Limited Company*, liema Nota ġiet ippreżentata fid-9 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 239) f'liema Nota ngħad is-segwenti:

*"Li permezz tagħha qiegħed jirtira r-Rikors għal revoka numru 569/2021 NC stante l-preżentata ta' kontro-mandat (Ref. Nru. 1007/2021) mir-rikorrenti nomine, wara l-għoti ta' garanzija mill-esponenti nomine".*

Għaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors promutur.

______________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**